MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 941/2002/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-sindikati esteri operanti bl-isem Ocatvian at Lloyds kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Paul Fenech abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Joseph Paul Fenech**

**vs**

**Mark Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' hames mija u lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm501.74), danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fid-9 ta' Novembru 1998 fi Triq Glormu Cassar, Floriana bejn il-vettura misjuqa mill-attur bin-numru JPF 333 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru HUT 060, liema incident sehh tort tal-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jidher ghas-seduti u jikkontesta l-kawza.

Semgha lill-attur jixhed dwar il-mod kif sehh l-incident, minn liema xhieda m'hemm l-ebda dubju li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku meritu tal-kawza.

Ra d-dokumenti li gew ezebiti mill-atturi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba taghhom u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm501.74), in kwantu ghal Lm476.74 lis-socjeta attrici u l-bilanc lill-attur, bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**